# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**70.** **1 ta' JANNAR 1910.** **IT-TIENI SENA**

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY MALTA

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Culi min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

## L-EMIGRAZZJONI.

Il kgħad fostna beda jinħass seŭŭa, u għalhecc ħafna żgħażaħ kiegħdin jitħajjru biex ijsieħru ħalli jfittxu jakilgħu f'pajjisi oħra dac il ħobż li ma jsibux jakilgħu haŭna. Jiena ma nistax ħlief nagħmlilhom il kalb f'dina il ħaġa billi il Maltin meta għandhom il ħila, huma imfittxa ħafna barra minn Malta għaliex għaklin, fidili, jibżgħu għa's-sold li jakilgħu, bieżlin u malajr jidraŭ il-lingŭi u id-draŭŭiet ta'l pajjis fejn ijmorru. Cull fejn tmur f'id-dinja, imkar f'pajjisi bogħod ħafna, tcun ħaġa rari ħafna jecc ma issibx xi malti u li xi dakkiet jagħmilha tajjeb ħafna. Il gżira tagħna hi mimlija bħal bajda b'in-nies; id-densità ta'l popolazzjoni hi sitt darbiet actar cbira minn dic ta' Londra, ŭaħda m'il actar bliet li fihom nies f'id-dinja, u għalhecc fasda minn nies tagħmel tajjeb haŭn hecca tant lil min jitlak chemm ucoll lil min jibka. Biss il malti kabel jitlak għandu jokgħod b'għajnejh miftuħa tajjeb għal fejn jitlak u jecc hux armat b'il-lingŭi u b'xi sengħa li jista jimxi bihom tajjeb f'dac il pajjis. Xi ħadd jaħseb li billi jmur f'pajjis ieħor għandu jibda jimxi f'it-torok u jiġbor il flus m'il art, għalhecc xejn ma jkis li ma għandu l-ebda sengħa jeŭ ħila biex jakla x'jiecol; xejn ma jkis li ma jafx il-lingŭa jeŭ lingŭi li jinħtieġu f'dac il pajjis, jakbad vapur u jitlak għal għonk it-triek biex ijbati il ġuħ, jissicca l'in-nies, jagħmel għajb lill colonji maltin u lill pajjisu u ŭara jarġa jdaŭŭar denbu lejn Malta biex jakta kalb daŭc collha li jcunu imħajjrin jemigraŭ.

Kabel ma ŭieħed jitlak għal xi pajjis għandu jistħarreġ seŭŭa xi bżonn ta' snajja hemm f'dac il pajjis biex jecc is-sengħa tiegħu hemm ħafna bħalha ma jmurx jagħmel l-iżball oħxon li jġorr l-ilma f'il baħar. Jecc jara li f'dac il pajjis is-sengħa tiegħu hi imfittxa hemm bżonn ucoll li jistħarreġ jecc l-arja għoddx għalih biex ma jmurx hemm u jimrad u jcollu jdaŭŭar denbu f'kasir żmien. Jecc jara li għal daŭn iż-żeŭġ ħŭejjeġ importanti ma hemm ŭieħed x'ijgħid xejn, jaħtieġ li ŭieħed ijħejji ruħu billi jcun jaf l-ilsien ta' dac il pajjis fejn ijcun sejjer biex meta jasal ma jsibx ruħu imfixchel u jcun jista jakbad jaħdem malajr. Taħt daŭn il condizzjonijiet li min ijfettillu jemigra ma nistgħux nagħmlulu ħlief il kalb, għaliex in-nies f'Malta kiegħdin joctru dejjem bħal tniec iżda ŭisa u kliegħ ta'l flus cbar ma haŭnx għal cullħadd.

Il biċċa il cbira ta'ż-żgħażaħ ma humiex ijfittxu ħlief l-Egittu biex jemigraŭ. Tasseŭ li xi ftit żgħażaħ maltin id-dubbaŭ hemm xi impieghi m'hux ħażin, iżda m'hux cullħadd għandu jaħseb li sejjer ijsib l-istess xorti. Fl-Egittu illum hemm ħafna kgħad u l-impieghi naksu ħafna u għalhecc sejjer ingibilcom dana l-articolu li jiena ħadt m'il «EGYPTIAN DAILY POST» sabiex nuricom li ma hix ħaġa ħafifa li ŭieħed ijmur l-Egittu u jakbad jaħdem malajr; u l-actar jecc ma jafx ma l-ingliż, il franciż u il għarbi tajjeb.

L-emigrazzjoni għal Maltin hi ħaġa meħtieġa ħafna u bosta li jfarfru ġŭienbajhom ijsibu xortihom; iżda hemm bżonn li jkisu mitt darba kabel jiddeciedu fejn ijmorru. Jiena nifhem li pajjisi bħal Western Australia, fejn bi Gvernatur hemm malti, il Conti Geraldu Strickland, u għalhecc ma jistax jonkos li ma jgħinx il pajżani tiegħu; jeŭ it-Tasmanja fejn hemm bi Gvernatur il Geaeral Barron li jaf tajjeb ħafna il Maltin u li ŭera bosta drabi li hu migbud lejna, huma pajjisi tajjbin ħafna għa'ż-żgħażaħ maltin billi jsibu rŭieħhom f'colonji inglizi u għalhecc bħala sudditi inglizi naħseb li għandhom ijsibu min jagħmlilhom il kalb. Iżda kabel jitilku għandhom dejjem jistħarrġu tajjeb fejn sejjrin ijmorru biex ma jieħdux passi foloz u f'pajjisi bogħod ħafna mnejn biex jerġgħu l-ura hi ħaġa jebsa ħafna għaliex tisua ħafna flus.

L-articolu li semmejt hu dan :—

## Egypt's overcrowded market for clerks.

### A Warning.

From time to time we receive letters from clerks in England stating that they would like to come out to Egypt, and asking for information with regard to the possibility of obtaining employment here, says the *Journal* of the local Chamber of Commerce. We have quite recently had two such communications. In one of them, the applicant said that he thought Egypt was a good country for emigration purposes but, before definitly making up his mind, he would be glad of certain information. The other gentleman was not so cautious, but boldly stated that he intended to sail « in a few weeks time. » He, however, added « I shall be greatly indebted to you if you will furnish me with a reply to the following queries, so that I shall not have to waste time on arrival. » Then followed a fairly lengthy list of questions including the following :— « Is there a reasonable chance of obtaining work of any kind within a few weeks after arrival ? »

When men write to us in the above strain, it is quite easy to show them

**the risks they run**

in coming out without having previously obtained an appointment. We want, however, to reach the clerk who does not take the precaution to write to us before sailing, and the following lines are, therefore, written in the hope that—as many of the trade papers etc. in England pay us the compliment of copying our articles into their publications—the warning we give may receive a certain amount of publicity at Home.

To begin with, it cannot be too clearly understood that except as mentioned in the concluding paragraph of this article, clerks are at a discount in Egypt.

**The market is overcrowded,**

and there are many men at the present moment vainly seeking for work, and this despite the fact that they may have already had a certain amount of office experience in the Country, and can also read and write at least two or three languages.

During the past two years, the general policy of the commercial community was one of retrenchment. Office expenses were reduced on all sides, and where possible, clerks were very often dismissed. It is true that the position seems to be slightly improving now, but the tendency of employers will be to engage the cheaper local labour rather than the more expensive imported Englishman.

Another point that should not be overlooked by the Home clerk, who is thinking of emigrating to Egypt on the off chance of finding work, is that living expenses are high in this country. The bare cost of a room and food (washing excluded) in a decent boarding house, suitable for an Englishman is £8 in Alexandria, and, say, £9 in Cairo.

There is

**no chance whatever**

of the man under discussion obtaining a berth with the Government, whilst, in the case of a commercial house, he has to compete with clerks who have a knowledge of the languages spoken (principally French, Italian and Arabic) and who are willing to work for a salary upon which the Englishman could not even hope to pay his way. As a matter of fact, one prominent Merchant here informed us a few days ago that he would have no difficulty whatever in securing half a dozen clerks—native Jews, reading and writing French, Italian and Arabic—who would all be willing to work for nothing, in the hope of securing a berth when a vacancy occured on the regular staff.

So far as the Banks are concerned, we have no hesitation in saying that most of them have long lists of applications for employment, and the same remarks apply to almost all large employers of clerk labour. In this connection, it may not be without interest if we mentioned that, at the present moment, one of the local Banks exhibits a printed notice in its entrance

**to the effect that its staff is complete,**

and that there are no vacancies whatsoever. The manager informed the writer that, prior to putting up such notices, he had been inundated each day with personal applications for employment.

In the early days of the crisis, this chamber started an « Employment Register, » but it has been a failure. We have had many applications from clerks, but the number of enquiries from employers can almost be counted on one's fingers.

An English clerk who has a thorough knowledge of shorthand and typewriting, and can, in addition, read and write French, might be able to secure work— the French being not so important as the shorthand and typewriting—though we do not advise him to come out on chance. To all others, however, our reply to the enquiry mentioned in the early part of this article viz : « Is there a reasonable chance of obtaining work within a few weeks of arrival in Egypt ? » is one emphatic « NO. » There is always the possibility that a man may have the luck to find a vacancy, but the chance in our opinion, is not a reasonable one.

## Id-Delitt ta'r-Ricasli.

Billi bħala difensur ta' Frangiscu Farrugia kiegħed nidher jien f'il Korti t'Isfel ma irridx, għal issa, fuk dana il fatt ingħid xejn actar minn dac li ġa kalu gazzetti oħra jeŭ li intkal f'il Korti; u għalhecc sejjer nibda biex nieħu fi ftit cliem dac li kalet il « *Gazzetta di Malta.* » Dina kalet li nhar it-Tnejn li għaddeŭ, f'xi'l ħdax ta' f'il għodu, resak kuddiem il Magistrat Annibale Fiteni, f'ŭaħda m'is-sŭali ta'l Korti t-Isfel, żagħżuħ ta' xi tmintax il sena (*jagħlakhom f'Mejju li gejj*) collu imfixchel u b'ŭiċċu imbergħen. Dana l-eŭŭel kal lil Ġorġ Attard, il ħabriechi purtier, u imbagħad lill Magistrat stess li hu *katel it-tifel ta' zitu.*

Il Magistrat baka bħal mibluħ meta ra kuddiemu bniedem li gie jistkarr dac id-delitt u għalhecc ŭiddbu xi ħsara u għaŭġ chien jista jgibu fih dac il cliem li chien kiegħed ijgħid. Iż-żagħżuħ raġa tenna dac li chien kal kabel u għalhecc il Magistrat sejjaħ l'is-Sur Lapira, Assistent-Suprintendent, u iż-żagħżuħ raġa kuddiemu tenna dac li kal kabel, u lil dana fehmu seŭŭa chif ġrat il meŭt ta't-tifel Ġużeppi Marija Saguna nhar Ħadd il Palm ta'l 1908 u li chienet kanklet Malta collha ta' taħt fuk, u li bakgħet dejjem bħala ħaġa misterjusa għad li il Pulizija chienet fittxet ħafna biex issib l'it-tifel niekes. Lil dana chienu fiittxeŭh ucoll f'Lixandra billi

xi ħadd chien kal li rah hemm. Iż-żagħżuħ *« dall'aria distratta di uno non completamente sano di mente »* mistoksi għala għamel dac id-delitt li stkarr u x'chien li giegħlu jigi jistkarr minn jeddu, Ciccu ŭieġeb: « Għax hecc fettilli nagħmel; iżda ŭara jiena bistu għaliex chien sabiħ ħafna! » u compla kal li f'razztu għandu bosta imgienen. Kal ucoll li lil Saguna katlu b'id-dakkiet ta' siek li tah, u li ŭara carcar gismu f'il catacombi ta' ma dŭar ir-Ricasli minn naħħa ta' Ŭied Għammiek.

Ŭara dana stakseŭh x'jismu u dana kal li jismu Ciccu Farrugia u li chien jigi ulied l-aħŭa ma'l maktul, u għalhecc gie arrestat. Ŭara ftit is-Sur Lapira, is-Sur Busuttil, l-Assistent Supraintendent l-ieħor, b'xi pulizjotti u għodda ħadu il Farrugia fuk il post fejn kal u sabu tasseŭ f'il catacombi li kal, il geŭŭa ħafna, l-ischeletru ta' tifel xi sttin pass il geŭŭa. Ciccu kal ucoll li biex daħal hemm geŭ sab ir-rixtellu miftuħ iżda li ŭara ġranet mar u sabu magħluk. Ciccu ma ried bl-ebda mod ijgħid għala katlu u lankas għala gie stkarr minn żniedu iżda jifhmu *« che egli sia piuttosto un povero pazzo che un vero delinquente.»*

L-istess « Gazzetta » żiedet:—

*« E così dopo quasi due anni il mistero della scomparsa improvvisa del povero Saguna è stato squarciato non dalla nostra Polizia, la quale bada a tutt'altro che a scoprire i delitti, ma da'l caso! E chi si fosse recato oggi ne' pressi delle nostre Corti verso le 5 p.m. avrebbe visto quanto sfoggio di Polizia affacendata dopo il mistero svelato! Ma intanto durante questo lasso di tempo la madre di quel piccino scŭmparso è morta di crepacuore ed il padre si trova gravamente ammalato per le disgrazie subite. »*

Igifieri, ħ ftit cliem, li dana id-delitt ma chixfitux il Pulizija b'il ħila tagħha billi dina actarx moħħha, chif għidna darb'oħra kabel, biex ticxef il contravvenzjonijiet iż-żgħar li ma tantx jatuha taħbit; u li omm dac it-tifel maktul mietet b'il għali u li missieru jinsab marid seŭŭa.

L-istess *Gazzetta di Malta*, f'it-28 ta' dana ix-xahar, kalet li nhar Ħadd il Palm, xi sena u disa xhur ilu, Ġużeppi Marija Saguna, tifel ta' xi għaxra jeŭ tnax il sena, bin gaurdjan ta'd-Dŭana, ħareġ m'id-dar ta' missieru, f'Ħaż-Żabbar, biex ijmur jisma il kuddies; iżda ma giex actar l-ura u b'hecc mela l-ommu, lil missieru u lil cull min chien jafu b'għali cbir għaliex collha kalbhom ħabbrithom li ġratlu xi disgrazzja cherha. Il Pulizija ġabret lil dan Farrugia, li chellu dac iż-żmien xi ħmistax il sena, u stharrgitu m'il aħjar li setgħet u Farrugia ŭieġeb li chien miegħu sa fejn il Capuċċini iżda li ŭara telak għal rieħu u ma rahx iżjed.

Il Pulizija allura bdiet tfittex l'it-tifel iżda ma irnexxielhiex issibu; u għalhecc ħasbu li ħarab minn Malta jeŭ li ŭaka ġo xi giebja. Ŭara il fatt rakad u billi xi ħadd chien kal li rah Barra cullħadd baka b'il fehma li siefer bla ma jafu fejn chien kiegħed. Il Pulizija fittxet ħafna f'Ŭied Għammiek, billi xi ħadd kal li chien ra il Farrugia u il Saguna flimchien hemm, iżda ma sabet xejn. Għaldakstant ŭieħed ŭaħdu jagħmel il mistoksija: Mela x'tiftix għamlet il Pulizija sa chemm ma sabitux hemm? Il maktul chien għadu żgħir ħafna u chien tifel tŭajjeb ŭisk, tant li jgħidu li dic inhar stess chien għadu chif tkarben il Capuċċini, u għalhecc ma nafux għala setgħu jaħsbu li siefer għal għonk it-triek bla ma kal xejn lill niesu. Il Pulizija kalet li daħlet f'dac il catacombi u li fittxet fih; mela xi tfittix għamlet la ma sabitx il cadavru? Beżgħet forsi tidħol il geŭŭa ġo dac il catacombi għaliex hemm il ġrieden jeŭ biex ma tħammiġx b'it-trab jeŭ bl-umdu l-uniformi? Anzi hemm geŭŭa chellha tibka dieħla il Pulizija għaliex meta tara il loc ŭaħdec tintebaħ li hu loc fejn jistgħu jsiru id-delitti: u naħseb li il Pulizija taf li f'daŭc il catacombi jinġabru il lagħaba biex ijkożżuhom u li hemm geŭ ijsiru ucoll ħafna għarucażijiet oħra; u għaldakstant it-tfittix chellu jsir seŭŭa ma' tul daŭc il catacombi collha, u m'hux biss f'id-daħla il ŭiesgħa tagħhom, għaliex billi il cadavru ma chienx midfun iżda minxur minn tulu f'il passaġġ chienu jsibuħ malajr.

*(Jissocta.)*

## FRAC.

Nirringrazzja b'il kalb collha lil l-intelligenti pjanista, l-imfaħħra compositrici ta'l musica is-Sinjura Roditi Abela Hyzler (li hi mart il ħabib tagħna malti Ugo, li kiegħed il Cajr), m'ir-romanza sabiħa li chitbet għal pjanu u li bagħtitli u li intgħoġbot minn cull min samagħha tindakk. Nitma ucoll li il copji li stampat jinħatfu f'kasir żmien.

★

L-Iscola Industriali ta' Għaŭdex ħadet il *Grand Prix*, għal bizzilla fl-aħħar Esposizzjoni Imperjali Ingliża, Nifirħulhom b'kalbna collha.

★

Bosta drabi għedtilcom li f'pajjisi oħra il Cunsilieri ta'l poplu jitħallsu talli jaħdmu f'il Cunsill, u m'hux biss daŭc li jieħdu sehem fl-Esecuttiv; u biex dac li ingħid ma jcunx cliem iżda fatti sejjer ingibilcom il ħlas li jieħdu il Cunsilieri ta'l poplu fl-aħjar pajjisi ta'l Europa; sabiex meta taraŭ lil xi ħadd m'il Cunsilieri tagħna jieħu xi tliet mitt lira talli jaħdem fl-Esecuttiv ma tistagħgħbux; għad li dejjem nibka ingħid li chiecu insibu min hu ta' ħila, għani u li jrid jaħdem għal pajjis u b'xejn tcun ħaġa ŭisk actar isbaħ u ta' fejda għal pajjis.

Fl-Aŭstrija, meta il Camra tcun miftuħa, il Cunsilieri jieħdu lira sterlina cull jum salarju.

Fl-Ungherija jatuhom mitejn u erbgħin lira salarju f'is-sena u tmienin lira għal cherha; b'collox tliet mija u għoxrin lira cull ŭieħed.

F'il Germanja id-deputati ta'r-Reischstag (il Parlament) jieħdu elf, ħames mija u ħamsin lira cull ŭieħed f'is-sena iżda għal cull seduta li jonksu jeħlu multa ta' lira u nofs.

Fi Franza cull deputat jieħu sitt mitt lira f'is-sena.

F'il Belġju jatu lil cull deputat mija u sittin lira f'is-sena.

Fl-Olanda jatuhom mitejn lira f'is-sena cull ŭieħed.

Fl-Isvizzera jieħdu salarju ta' sittax il xelin cull jum u sittax il xelin cull jum oħra barranin chemm il darba jieħdu sehem f'xi commissjoni; igifieri meta jiżdidilhom xi ftit ta'x-xogħol jiżdidilhom ucoll is-salarju.

Fl-Isvezja cull deputat jieħu ma's-sebgħin lira f'is-sena.

F'in-Norveġja jieħdu sittax il xelin cull jum salarju.

Id-deputati ta'r-Russja li jieħdu sehem f'id-Duma (il Parlament ta' hemm) jieħdu salarju ta' għoxrin rublu cull jum li jgibu ma'l erba liri cull jum.

F'il Ġappun jieħdu mitejn lira cull ŭieħed f'is-sena.

Id-deputati americani jieħdu seba t-elef u ħames mitt ukija cull ŭieħed f'is-sena u barra minn dana jieħdu mija u ħamsa u għoxrin ukija f'is-sena għal l-ispejjes ta'l-linca u il carti li jaħlu ma' tul is-sena.

Cullħadd jaf li il Ministri ta'l Inghilterra jitħallsu bl-eluf ta'l-liri f'is-sena u għalhecc milli rajna saħansitra il Ġappun ijħallas il min jaħdem għalih. Possibbli li daŭna id-deputati collha jittradixxu il pajjishom u jinbigħu għal flus li jdaħħlu?

**Lil l-imsieħbin collha ta'n-« Naħla » nixtiekulhom sena tajjba u mimlija b'cull risk.**

# Boghod minn Malta.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

## MARSILJA.

F'dina it-triek, inti u tiela m'ix-Xatt, m'ax-xelluc, tilmaħ il Borsa li giet mibnija fl-1852-60 fuk il pjanta ta'l architett Coste. Il faċċata tagħha fiha ħafna colonni ta' stil corintju u hi sabiħa tasseŭ. Dina il Borsa fiha sŭali cbar u impingija minn Gilbert u Magaud.

Bisŭit il Borsa hemm pjazza bl'istatua f'nofsha ta' Pierre Puget li semmejna. Ŭara il Borsa taħbat il belt il kadima li tibka sejjra sa'l Bassin de la Joliette; rokgħa djar kodma u mudlama, imsallba minn ħafna torok imserrpa, dojjok u maħmuġa li fihom m'hux biss tara minn cull għarucaża iżda trid tcun imkarar u imkarben li ma issibx ruħec imnażża minn dac li jcolloc fukec u fejn b'il-lejl, ma' ħŭejjeġ oħra jsiru ħafna serk u delitti billi hemm jokogħdu u jpoġġu il kixx u il mixx m'hux biss ta' Marsilja iżda li jferrgħu il bastimenti ta' cull nazzjon ucoll.

Minn ġo nofs dina il belt kadima fetħu triek ġdida dritta, ŭiesgħa b'ħafna ħŭienet sbiħ u li f'it-tul tŭassal ma'l mil, imsejjħa *Rue de la Republique*. F'il cantuniera ta' dina it-triek li tati fuk ix-Xatt hemm dar cbira donnha poppa ta' bastiment, is-*Samaritaine*, li fiha issib tixtri minn labbra ta'r-ras sa l-akŭa ħaġa ta'l-lussu. Meta minn dina il cantuniera tibka miexi ma'x-xatt ix-xatt ta'l Port il Kadim issib il *Hotel de Ville* li chienet id-dar ta'l Municipju u li imbniet fl-1663-83.

Actar il kuddiem insibu il fortizza *St. Jean* imsejjħa ucoll *Fort Grasse Tilly*; li fiha hemm chitba minkuxa biex tfaccar ta' meta fl-1899 saru f'Marsilja festi cbar ħafna għaliex dina il belt għalket elfejn u ħames mitt sena li bdiet tinbena. Bisŭit dina il fortizza hemm oħra imsejjħa *Fort de Entrecasteaux* li chienet mibnija minn Vauban għa's-Sultan Lŭigi XIV.

Bejn daŭn iż-żeŭġ fortizzi hemm il famus *Pont Transbordeur*, ta'l ħadid, u li sar biex ijgħaddu minn fuku il mercanziji għa'n-naħha l-oħra bla ma jokogħdu jduru id-daŭra colha tond ta'l Port il Kadim.

Dana il pont, li sar fl-1905 u li hu tŭil mitejn u sittin jarda jagħlak il Port il Kadim bħal għadira u li għalhecc dana il port ijŭassal il firxa ta' xi 70 *acre* u li fih da'żżmien ijngabru id-dgħajjes ta's-sajd u bastimenti żgħar oħra.

Fuk dana ix-Xatt, *Quai du Port*, insibu ucoll is-Santè li hu l-Offiċċju ta'l Curantina u li fih hemm mużeŭ ċchejchen b'opri tajjbin ta' Vernet, David, Puget, Gerard, Tanneur u Guerin.

Meta induru minn fejn il forti *St. Jean* u nibkgħu niġbdu il geŭŭa lejn il *Bassin de la Jolette* insibu ŭesgħa li fukha hemm mibnija is-sabiħa Catidral ta' Ste. Marie Majeure. Dina bdiet tibena fl-1859 sa'l 1893 fuk il pjanta ta'l Architetti Vaudoyer, Esperandieu u Revoil; u għad li ix-xogħol dejjem miexi fiha, għadha ma hix lesta sa'l-lum. L-istil tagħha hu romanesc—biżantin, u hi tŭila 460 pied. Minn geŭŭa ma tilmaħx ħlief irħamijiet m'il actar rari u mosajchi m'il actar fini; u għad li kamet s'issa ga ħames mija u sittin elf lira, jifmhu, li sa chemm tcun lesta minn collox, għad ijridu jonfku fiha xi mitejn u erbgħin elf lira oħra.

*(Jissocta.)*

# Għa'n - Nisa.

**Daŭc ic-ciccolatini** purganti li tatu l'it-tfal fihom il colomelan. Jecc ŭara li tatu daŭna ic-ciccolatini jeŭ xi kartas b'il calomelan lill uliedcom tmorru tatuhom xi ħaġa x'jieclu jeŭ jixorbu li fiha jidħol il melħ ta'l ccina dac il calomelan ijsir *sublimat corrosiv* u jista javvelenahom. Okogħdu attenti mela għaliex il melħ jinsab saħansitra f'il ħalib li tiskuhom għad li ma tcunux ħallattuh intom. F'il brodu, u f'il butir tafu li dejjem hemm il melħ u għalhecc okogħdu attenti li ma ittuhomx minn daŭna ŭara il calomelan.

**Ixtri minn għand l-ispiżżjar** ukija *ammoniaca liquida* u żeŭġ drammi spirtu ta'l-lavanda u ħallathom ma tmien t-eŭiek spirtu fi flixcun b'it-tapp ta'l ħgieġ. Cull meta tinħasel itfa ftit minnu fl-ilma u tara chif m'hux biss ijfeŭŭaħlec il gilda iżda jagħmilhilec donnha ta'l bellus.

**Biex l-incirati ta' l-art** ma jegħirkulcomx malajr agħmlu hecc: Iġbru it-truf ta'x-xema li jifdlulcom u deŭŭbuhom ma' ftit termentina sa issir, meta ticsaħ, bħal pasta. Għaddu biha l-incirati tajjeb u taraŭ chif ijservucom għal żmien ŭisk actar tŭil.

**Meta takbadcom in-nevralgija** f'rascom ixilgħu biċċa *brown paper* minn dic li jippaccjaŭ fiha, itfuha malajr, iġbdu b'nifsejcom id-duħħan li joħroġ u taraŭ chif l-ugiegħ ta' ras ijgħaddilcom malajr.

**Katt tkiegħdu il ħdejjed ta'l mogħdija** fuk il vampa ta'l cuciniera għaliex b'hecc ŭara jsaddulcom. Kiegħdu fuk il vampa pjanċa ta'l ħadid irkika u meta ticŭi seŭŭa kiegħdu fukha il ħdejjed u b'hecc daŭna jservucom għal żmien ŭisk actar tŭil.

**Meta tatu banju** lil xi tarbija f'kiegħ il banju kiegħdu dejjem xugaman mifrux għaliex b'hecc it-tarbija m tiżolkilcomx u ma tcorrix, u fl-istess ħin ma tħossx il banju chiesaħ bħal ma tħossu meta ma tifirxux ix-xugaman chif għedtilcom.

**Meta tħitu xi libsa** għa't-tfal li jcunu jridu jilgħabu biha, infurraŭ il cmiem bl-istess drapp biex meta tiżżarrad il comma ta' fuk ma tagħmlux irkajja coroħ iżda chemm timleŭ it-tiżrida b'il ħajt.

**Jecc tridu li tgaŭdu xagħarcom** għal żmien tŭil kisu li togħorcu tajjeb rascom cull f'il għaxija bi xcupilja ftit jebsa; u taraŭ chif dana ir-rimedju hu ŭisk aħjar m'il pomati collha li tistgħu katt tużaŭ u li jkumu ħafna flus.

**Meta ir-ram ta' xi sodda** ġdida jibda jittappan la tnaddfuhx b'il *metal paste* għaliex dina tneħħilu il-lostru li jcun fih. Hudu ftit lostru minn dac li tixtru biex tnaddfu il mobbli (furniture polish), kiegħduh fuk biċċa ċarruta kadima u għaddu tajjeb bih u ŭara għogħorcuh tajjeb b'biċċa flanella u taraŭ chif jigi jlekk daks li chiecu chien għadu ġdid.

**Biex il molol ta'l pjanu** ma jsaddux ħitu borsa żgħira, imleŭha b'il gir virġni u dendluha ġo'l pjanu biex dina tixrob l-umdu li jcun hemm. Jecc ijcunu laħku saddu xarrab għal jumejn sħaħ is-sadid f'iż-żejt ta'l ŭaena u ŭara għogħorcu bi ftit gir virġni, u tara chif il molol jiġu jlekku donnhom ġodda.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# IL FAMILJI MALTIN.

(*Jissoctaũ minn numru ta' kabel.*)

## Il Commendatur ABELA.

Il Canoncu Ġann Frangisc Agius chiteb il ħajja ta' dana il bniedem għaref li tant gieħ chiseb lill pajjisna; fuk dina, fuk in-noti ta'l Avucat Mifsud f'il « Biblioteca Maltese » u fuk dac li żiedu il Conti Ciantar f'il « Malta Illustrata », il Prof: Vassallo fl-« Arte » u oħrajn, jiena sejjer ninseġ dina il biografija ta' dac li jsebbaħ u jżejjen b'ismu m'hux biss il familja Abela iżda il gżira collha.

Ġann Frangisc Abela tũieled il Belt, fl-1582, fi żmien il Gran Mastru Loubenx de Verdala; missieru chien jismu Marcu u ommu Bernardina Vella Xara, it-tnejn nies tũajjba u imnisslin minn gidd nobbli. Tifel baka ũaħdu billi ma chellux ħlief oħtu oħra, Marietta, li fl-1583, iżżeũũget ma' Ġacbu de Robertis. Minn tfulitu inxteħet għall Cnisja u il Cavalieri ta'l Lingũa ta' Castilja u ta'l Priurat ta'l Portugall ġabruh magħhom b'id-dritt li jista jivvota f'il għażla ta'l Gran Mastru, f'il ħin li giebulu id-dispensa ta'l-limiti bħal ma jgħarrafna il Pozzo fl-« Istoria della S. Religione » vol: II. pag: 6. Dic il ħabta Monsinjur Gargallo, Iskof ta' Malta, chien għamel cuntratt għand in-Nutar Ġacbu Sillato, f'it-tnax ta' Novembru 1592, ma'l Patri Casati annom ta'l Gesũiti, u li gie iffirmat (bħal ma jgħarrafna il Canoncu Dun Marianu Axiak, Tesorier ta'l Catidral, f'il manuscritt li ħalla « *Notizie memorabili di Malta nel 1592.*), kuddiem il Gran Mastru Verdala stess, li daũna il Patrijiet Gesũiti chellhom jifthu f'il Belt żeũġ schejjel bi tnax il patri, għa't-tagħlim ta'l Grammatica u ta'l Umanità li minnhom ħarġu il-Liceo u l-Università ta'l-lum; l-Iskof Gargallo għalhecc ħallielhom ir-renti li sa m'il 1591 chien ħalla għa's-Siminarju. Dan ijgħarrafulna ucoll il Pozzo fl-Istorja li semmejna. Għaldakstant naħseb li l-Abela tagħna rada l-eũũel ħalib ta't-tagħlim minn għand daũna il Patrijiet Gesũiti li dejjem chienu imfaħħrin għal għerf cbir tagħhom u għaliex dejjem minn taħt idejhom ħarget barcata irgiel. Minn haũn telak għal famusa Università ta' Bolonja biex jimxi f'it-triek għal Avucat; u dina il maũra hemm tiegħu ftiehmuha bejniethom it-tliet krabatu: Monsinjur Leonardu Abela (li ġa semmejna) u li, chif ijgħid il Patri Tempesta f'il « Vita di Papa Sisto V » li chiteb, chien jaf tajjeb ħafna il-lingũa persjana barra minn daũc li għidna kabel; il Cantur Luka Vella, li dam ma'l Cardinal Alessandru Farnese għal għoxrin sena billi chien ijgibu ũisk u li għal għerfu id-Dr: Zammit chitiblu ũieħed m'il *eloġji* (tifħir) b'il-latin li chiteb taħt ir-ritratti ta'n-nies cbar Maltin li hemm fl-*Aula Concilii* ta'l Università; u l-actar il Captan Ġacbu de Robertis, bolonjis u li chien impjegat ma'l Cavalieri u kala in-Nofs-Salib.

L-Abela, fl-Università ta' Bolonja, ũera ħila cbira u m'hux biss ħa il-laũrja f'id-Dritt Canonicu u f'id-Dritt Civil iżda laħak ucoll Cunsilier għal Malta f'dic l-Università tant imfaħħra, ħaġa li kablu ma chien għadu kalagħha ħadd, b'diploma ta'l 21 ta' Novembru 1605, meta chien għad għandu xi tlieta u għoxrin sena. Dan id-diploma u ieħor li jfaħħar il ħila cbira tiegħu insibuhom b'il-latin f'il « Biblioteca Maltese. »

(*Jissoctaũ.*)

# TLAKKIT.

**F'il Belġju** biex ijħaffu ix-xogħol ta'l Posta ħarget ordni li l-ittri collha li għandhom jitkassmu f'il belt fejn tcun il posta għandhom jinbagħtu f'invilopp aħmar; daũc ta'l campanja f'ũieħed isfar; u daũc għal barra m'il pajjis f'ũieħed aħdar. B'hecc l-iscrivani ta'l posta ma jcollhomx bżonn li jokogħdu jakraũ l-ittri għal fejn huma mibgħuta.

**F'New Jersey**, ftit ilu, l-Imħallef Ware ta sentenza curjusa ũisk billi iccundanna lil certu George Shute talli bies lil martu meta ma rieditx hi; u għamillu garanzija ta' ħamsa u għoxrin lira chemm il darba jarġa jbusha minngħajr ma tgħidlu iva kabel hi.

**F'Bergen, f'in-Norveġja**, hemm ligi li it-tfal ma jistgħux jokogħdu barra ũara certu ħin f'il għaxija. Il kniepen ta'l parroċċa jdokku biex it-tfal jingabru f'id-dar u jecc il pulizija tilmaħ xi ũieħed għadu barra tieħu ħsieb li tiġbru hi.

**F'iċ-Ċina** jieħdu tabacc ta'l imnieħer ũisk u jriduh fin ferm. F'il Korti ta'l Imperatur, f'xi pranzu ta'l gala, jgħaddu lill mistiednin tabacc ta'l imnieħer li jisũa mitejn elf lira il-libbra; u f'loc li jużaũh f'it-tabacchieri bħalna jkiegħduh ġo fliexchen ta'l agata li jkumu ma'l mitejn lira il ũieħed.

**F'Parigi, l-aħħar platt ta'l moda** huma il ġrati ta'l ħaxix moklija b'il butir fin.

**F'ir-Russja** jecc ũieħed jicteb lil xi mara, fuk cartolina, li hu jħobbha, jigi imħarrec u jeħel somma ta' flus.

**L-acbar ctieb ta'l Bibbja** li haũn f'id-dinja hu dac li hemm f'il Vatican mictub b'il-lhudi, u li jiżen 320 libbra.

**L-acbar kabar** ta'd-dinja hu il piramida ta' Cheops, fl-Egittu, billi hi għolja 461 pied u tgħatti tliettax l-*acre* art.

**F'il Gżira Trinidad** hemm għadira li tieħu mija u ħmistax l-*acre* cobor u li f'loc li hi mimlija bl-ilma tinsab mimlija bl-asfalt li ma jispiċċa katt għaliex dac li jerfgħu minnha jarġa jintela ũaħdu minnufih.

**Il frejgata ingliża** « King Edward VII », li fukha chien jokgħod Lord Charles Beresford, meta chienet ma'ċ-Channel Fleet, għabbiet f'Kirkwall 1,021 tunnellata faħam fi 3 siegħat u 22 minuta; ħaġa li katt ma saret fi żmien hecc kasir kabel.

**Da'ż-żmien min** ijrid jagħmel passiġġata f'l-arja b'il ballun ta' Zeppellin, f'il Germanja, jista billi jmur minn Lucerna għal Colonja u jħallas għoxrin lira; u passiġġata minn Lucerna sa fuk il Muntanja Righi, b'il ballun ucoll, tkum ħames liri.

**L-acbar ġnien** ta'l ħaũn li haũn f'id-dinja hu dac li jinsab f'Arkansas. Biex jaħdmuh hemm ma'l elf gennien u tliet mitt bhima. Fih ma'l mitejn elf siġra u jieħu ma'l-eliejn u tmien mitt *acre* art.

**Il ħanfus jifiaħ ũisk** billi jiġbed pis ħames mitt darba itkal minnu.

**F'High Wycombe**, certu Ġacobb Popp gie iccundannat s'issa għal erba mitt darba talli b'il fors ma jridx ijħares il Ħdud bla ma jaħdem.

**Il Canal ta'l Panama**, la jcun lest, sejjer ijkum ma'l ħamsa u sebgħin miljun lira sterlina.

**Is-Sinjura Newell**, ta' Gasberton fl-Ingħilterra, ftit ilu, spiċċat il ũieħed u għoxrin tarbija!

**F'Parigi hemm lucanda** li xi ħadd m'in-nies li jokogħdu fiha cull xahar jieħu ferħa. Sid il-lucanda cull l-eŭŭel ta'x-xahar, jarfa lutterija b'in-numri ta'l cmamar li fihom ijcunu jokogħdu il clienti tiegħu u min jitlagħlu in-numru ta'l camra tiegħu għal dac ix-xahar ma jħallasx chera ta'l camra.

**F'ŭaħda** m'il-lucandi il cbar ta' Londra jgħallu il bajd minngħajr misħun billi jkiegħduh ġo caxxetta li taħdem bl-elettricità u għalhecc f'minuta u nofs ijcun lest għal l-ichel.

**F'Colombo,** belt f'il gżira ta' Ceylon, fl-Indja, il baħar jofroħ erba darbiet cull jum; f'Malta, nistgħu ingħidu li ma jofroħ katt.

**Ma'l pulizija segrieta ta'r-Russja** hemm impjegati ma's-sitt t-elef mara, biċċa minnhom b'elfejn lira salarju f'is-sena.

**F'Minneapolis, fl-America,** sar żŭieġ bejn ragel u mara torox u muti. Ir-Registratur ta'l Korti fejn iżżeŭŭġu icconfonda chif jagħmel il mistoksijiet u chif jieħu it-tŭiegib ta'l għarajjes; fl'aħħar ħasibha li jicteb il mistoksijiet b'it-*typewriter* fuk carta u huma irrispondeŭ bl-istess mod fuk l-istess carta.

**F'it-torok ta' Berlin** hemm miżrugħa erbgħa u erbgħin elf siġra li jkumu tmienja u tlietin elf lira. F'il ġonna ta'l belt hemm impjegati mitejn u ħamsin ġardinar u seba mitt assistent li il biċċa il cbira minnhom nisa.

**L-acbar canun li haŭn** f'id-dinja hu dac li hemm f'il fortizza ta' Kronstadt; dana jŭassal tnax il mil, u il balla tiegħu tiżen elfejn u sitt mitt libbra; gie maħdum f'il fabbrica Krupp u cull tir jisŭa tliet mitt lira.

**Billi fi Franza,** sa ftit żmien ilu, ma chienx hemm il piena ta'l meŭt, lil cull minn joktol chienu jibagħtuh f'in-Nova Caledonja biex jagħmel il piena tiegħu hemm jaħdem. F'Numea, il belt ta' dana il pajjis, ħalleŭ lil daŭc il ħafna kattiela li hemm li jagħmlu banda bejniethom li is-surmast tagħha katel għal tliet darbiet; il prim clarinett chien katel f'il lucanda tiegħu sitta mi'n-nies biex serakhom; tu'l curunetta chien katel lil missieru u ta't-trumbun lil martu.

**Jecc tkiegħed f'filiera ŭaħda** il cotba collha li hemm f'il British Museum ta' Londra jlaħħku għal ħamsa u għoxrin mil tul; u kiegħdin jiżdiedu dejjem b'xi ħamsin elf ctieb f'is-sena, igifieri daks li fiha cotba il Biblioteca Pubblica tagħna collha.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

JANNAR.

3—1849. Fetaħ iċ- « Circolu Maltese » li chien casin famus.

4—1489. Is-Sultan Ferdinandu gedded il privileġġi ta'l Maltin.

5—1678. Miet l-Iskof ta' Malta Fra Lorenz De Astirias.

6—1794. Ħareġ editt ta'l Gran Mastru biex jimbarcaŭ il baħrin fuk il bastimenti ingliżi.

7—1736. Beda il Cunvent ta'l Capuċċini ta'l Birgu.

8—1804. Tkassmu il flus lil battaljuni maltin.

9—1748. Il Maltin rebħu taktigħa kaŭŭija contra Mustafà, Baxa ta' Rodi.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

—« Is-Sur Kalamias ? ! chif ? ! mela ma sarx jobgħodni ŭara dnubi ? !... » staksiet mistagħġba Carmena.

—« Iva jien, Carmen » ŭiegibha b'id-dmugħ f'għajnejh is-Sur Kalamias « jien li rabbejtec u għożżejtec bħal binti u li għa'x ma bgħadtecx għal blua ta' xbubitec gejt biex nitolboc tinġabar f'dari .. ħalli ncun nista infejjkec... ħalli ncun nista inseŭŭic ma' ħuc Ambroġ u jintesa collox... »

—« Chif jista jcun dan katt ? ! » kaltlu Carmena, « u jecc jigi De Saqueville ijfittixni u ma jsibnix x'ijgħid ?... »

—« De Saqueville » ŭiegibha minnufiħ Patri Damjan « ma hux sejjer jigi jfittxec għal issa... kabel ma jfiek seŭŭa... u Ħamid jista jasal ŭasla u ijgħidlu fejn int u li mort hemm sa tfiek int ucoll, u imbagħad la tfieku it-tnejn nicteb jien lill Papa, li jgibni ħafna, biex ijħollu m'il ŭiegħda u inseuŭu collox... »

—« Tictiblu ? tasseŭ ? » staksietu bħal mibluha Carmena.

—« Għala le ? » ŭiegibha Patri Damjan « inti ma tafx li għalicom nakbeż inkar il baħar... Isa, isma minni u m'is-Sur Kalamias u għid iva... »

—« U jecc jisma Ambroġ li jien l-Imdina ? !... » kalet collha imbeżżgħa Carmena.

—« Dac ħallih f'idejna » kabeż kal is-Sur Kalamias « meta tcun ġo dari u taħt għajnejja okgħod sgura li ħadd ma jiżżarġan biss ijħares lejc... »

—« U lil Ħamid, mischin, x'tagħmlu bih ? » staksiet Carmena « tcheċċuh ? ŭara li kabeż u għamel tant għalija ? ŭara li sibtu sejf u tarca f'dana il-lejl kalil li għadda minn fuki ? Jecc iġġibuli lil Ħamid miegħi u ma tħallux lil Ambroġ jagħmillu xejn jiena nigi. »

—« Imħabba fic » ŭiegibha is-Sur Kalamias « nilkgħu ucoll ġo dari u tista torbot fuk chelmti li ħadd ma jmidd sebgħu fuku; u issa nilkgħu actar b'il kalb għaliex minn cliemec u cliemu rajt li ma chellux f'd'il praspura dic il ħtija collha li cont naħseb... mela nistgħu naraŭ x'nagħmlu kabel jisbaħ... »

Fatma resket lejha biex tlibbisha seŭŭa.

—« U int ? » staksietha Carmena « x'sejjer ijsir minnec ?»

—« Jiena ma nistax nigi hecc bgħid miegħec » ŭieġbitha « għaliex inti taf li għandi daŭc l-erba żrameġ li jxiccluni u ma nistax indur bic seŭŭa; iżda inŭiegħdec li nigi ta sicŭit narac u inkatta xi siegħa miegħec...»

—« U jiena » kabeż kal is-sur Kalamias « talli lakgħitec u daret bic hecc b'il ħniena, arani, sejjer natiha da'l ftit gordi biex iddur ma' dŭarha u ma' dŭar uliedha... »

Fatma ma riedetx tieħodhom għal l-eŭŭel għaliex kalet li hi cull ma għamlet għamlitu biss għa'x tħobb lil sidtha Carmena; iżda meta dina talbitha ucoll biex tieħodhom ġabrithom minn fuk il mejda u raddet ħajr b'kalbha collha.

Ħamid, għajnejh ħomor nar b'il bichi u stajjar donnu kam m'il meŭt, resak fuk Carmena jŭeżinha. Dina malli ratu poġġietlu idha fuk spalltu u kaltlu :—

—« Ħamid, ibka ma' dŭari... tħallinix... meta tmur tgħidlu lil Cavalier ?... »

Ħamid għidem xofftu, gibed tnehida u ŭiegibha b'il ħleŭŭa:

—« Meta tgħiduli intom. »

Fatma u Ħamid ŭieżnuha biex niżlet minn fuk is-sodda, iżda billi għotrot għaliex riġlejha ma għinuhiex, Ħamid lefftiha tajjeb ġo'l cutra, refagħha bħal tarbija u baka ħiereġ biha għal ġo'l caless li chien ŭiekaf ŭara il bieb. Kiegħidha b'il kiegħda ħdejh u biex ma takax daŭŭar driegħu ma' kad

dha. Carmena poġġiet rasha fuk spalltu u tefgħet drigħ ŭieħed ma' dnar għonku. B'idha l-oħra, f'dic it-telfa li chie-net, fittxitlu dic l-id li chienet ħielsa u telket idha fiha. Ħamid żammielha u xtak li jibkgħu imgħannkin hecc għal dejjem.

Patri Damjan u is-Sur Kalamias ricbu kuddiemhom u rabtu il purtieri ta'l caless. Fatma sellmet għal chemm il darba, tebket il bieb u daħlet geŭŭa tolfok daks li chiecu chienet bintha; u ta'l caless farfar l-eŭŭel dakka ta' frosta biex jaslu ċaklem, ċaklem lejn l-Imdina.

Il-lejl chien għadu fl-akkal tiegħu; u biex ma jfixcluhiex bakgħu it-tlieta ħusbiena bla ma lissnu chelma ŭaħda biss bejniethom.

IX.

IL MAĦFRA LIL CARMENA.

Carmena, għad li chienet imleff'fa tajjeb f'pircan ta's-suf, meta ħasset il chesħa ta' barra bdiet tirtogħod bħal xakk ta' kasba b'mod li iġġiblec ħniena. Ħamid għeżżiżha chemm felaħ miegħu biex ijsaħħanha chemm jista u cull tant chienet taħbat donnha għajnha tmur biha; iżda billi it-triek chienet ħażina u il ħamla compliet ħaffritha, cull tant ir-rota ta'l caless chienet takbeż fuk xi stroff u taħsadha.

Patri Damjan u is-Sur Kalamias, meta ħasbuha rakdet, bdeŭ ijtarrfu minn taħt ilsien xi chelma; u Ħamid chien kie-għed jixtiek ġo fih li Carmena chienet tiegħu u li chienu jibkgħu hecc ras ma' ras ŭieħidhom, f'xi loc imŭarrab, ħalli jcun jista jfaŭŭar il mili ta'l imħabba kalila tiegħu.

Meta chienu imxeŭ biċċa triek ġmielha Carmena refgħet rasha b'il ħasda, fetħet, donnhom żeŭġ cŭiecheb li jsaħħru, il għajnejn sbiħ u suŭed tagħha u staksiet, collha mibluha, f'il ħin li iggranfat actar kaŭŭi ma' idejn Ħamid :—

—« Fejn jien?... f'San Paŭl-ta't-Tarġa?... mela De Saque-ville gie sabni?...» u f'il ħin li infexxet tolfok bħal tarbija compliet :— « le... le... dac ma jħobbnix... dac daħak bi-ja... Ħamid biss... ijħobbni... » u kabdet tisgħol, tisgħol u tib-chi li chienet tislet id-dmugħ lil cull minn jismagħha.

Ħamid sama dic il chelma ta' Carmena nieżla bħal tchex-chixa bart ġo għadmu għaliex ra li sidtu chienet intebħet b'il gibda tiegħu kaŭŭija lejha. Bi driegħu rassha, chif chienu f'id-dlam, actar kaŭŭi miegħu u x'ħin kajl, kajl silet idu l-oħra minn ġo idejha ŭarrbilha minn fuk ħaddejha imxarrbin b'id-dmugħ id-dliel tuti tagħha ħalli jcun jista f'il-leħħa mitfija ta'l cŭiecheb jitgħaxxak ftit b'il ħleŭŭa ta' ŭiċċha.

Is-Sur Kalamias intebaħ b'il gibda cbira li chellu Ħamid lejn sidtu Carmena, iżda ghedŭed bejnu u bejn ruħu: min hu dac il bniedem li għandu kalb tħabbat ġo sidru li sata meta jersak imkar għal ftit ħin lejha ma jintilefx ŭarajha? Aħseb u ara Ħamid li trabba magħha minn tfulitu u li hi issa ucoll bdiet turi xi ftit ta'l gibda lejh. Ftacar f'żgħuzitu u f'chemm bluhat ġarret lilu ucoll l-imħabba u għadru. Patri Damjan, li min jaf x'chien ijgħaddi cull jum minn ŭidnejh f'il krar fehem, b'il għerf cbir tiegħu, li Ħamid ma chienx ta' kalb giefja bħal Cavalier u għalhecc hu, li chien imdorri jaħfer tant ħtijiet ħoxnin, ħafirlu f'kalbu dic iż-żelluma ucoll; u l-actar billi hu, fl-isbaħ snin ta' ħajjtu, chien ħabb ucoll u inġabar f'il Cunvent ŭara li il chiefer mingel ta'l Meŭt chien ħasadlu kasir il għomor lil dic li kalbu chienet tant marbuta magħha.

(*Jissocta.*)


**BONI TA'L CONGO 1888.**

B'IL PREMJU U L-IMGĦAX ĦAMSA F'IL MIJA; li jistgħu jittieħdu b'il ħlas ta' tant f'ix-xahar. Il premji jitilgħu sitt darbiet f'is-sena:— fi Frar, f'April, f'Ġunju, f'Aŭŭissu, f'Ottubru u f'Dicembru, u fl-istess ħin, sa chemm jitla in-numru tagħcom tibkgħu tieħdu dejjem il ħamsa f'il mija imgħax. Il premji il cbar huma sitt elef, erba t'elef, elfejn u tmien mitt lira bar-ra minn 138 iżgħar u 4,000 rimborsi.

Dawna il boni huma sbiħ ħafna għaliex jecc ma tirbaħx premji il capital żgħir li toħroġ jibka jiżdied b'l-imgħax u b'hecc tcun kiegħed tagħmel l-aħjar negozju.

Min ijrid jaf xi ħaġa iżjed ijmur fi Strada Forni, 89, il Belt.

**SCOLA TA'T-TIFSIL.**

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infetħet Scola ġdida ta't-tifsil għa'r-rġiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il PROF: VIN-CENZO GRECH li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f'il għodu sa't-8 ta' f'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rgiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.

Min ijrid jixtri torchju ta'l istampa tajjeb ħafna u bi ftit flus; bħal ma minn ijrid jixtri linca seŭda ta'l istampa bi rħis jicteb Ta's-Sliema, Sda. San Vincenzo 12.

Il Chirurgu-Dentista Alfonsu Urso resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Ġdid u għalhecc issa jo-kgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.



Min hu marid bl-ANEMIJA (takar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GĦOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tie-let flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sul-tana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbiegħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

**267, STRADA REALE.**

**GĦA'N = NERVUSI !**

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħaf-na gid hi

**L=ANTINEVROTICU**

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGĦMEL BISS.

Min ghandu xi **bolli użati** u l-actar ta' Malta biex ijbiegħhom jmur għand Barthelemy Pisani, il Belt, Strada Levante No. 150.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħüienet principali.
F'daūna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj-jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.




**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stam-pa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**